

**Dispożittiv**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunalul Arad (il-Qorti tal-Kontea ta' Arad, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2021.

(<sup>1</sup>) Data ta' preżentata: 28.6.21.

---

**Appell ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2021 minn “Rezon” OOD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-487/20 – Rezon vs EUIPO**

**(Kawża C-476/21 P)**

(2022/C 84/27)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Partijiet**

*Appellant*: “Rezon” OOD (rappreżentant: M. Yordanova-Harizanova, advokat)

*Parti oħra fil-proċedura*: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-10 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ordnat:

- 1) L-appell ma huwiex ammess.
- 2) “Rezon” OOD għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2021 mir-Repubblika ta' Ċipru mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-16 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-281/19 – Ċipru vs EUIPO**

**(Kawża C-538/21 P)**

(2022/C 84/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellant*: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, BL, S. Baran, Barrister, V. Marsland, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura*: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-21 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma huwiex ammess u li r-Repubblika ta' Ċipru għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju) fl-4 ta' Novembru 2021 – Verbraeken J. en Zonen BV, PN**

**(Kawża C-661/21)**

(2022/C 84/29)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Cassatie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti*: Verbraeken J. en Zonen BV, PN